# Nuqqas ta' kuxjenza ambjentali miż-żewġ partiti politiċi prinċipali waqt il-kampanja elettorali

## BirdLife Malta tippreżenta 10 proposti elettorali għal pajjiż u futur aħjar

BirdLife Malta hija diżappuntata ħafna bin-nuqqas ta' kuxjenza ambjentali li qed juru Dr Joseph Muscat u Dr Simon Busuttil tul il-kampanja elettorali attwali. Biex tgħaxxaqha, minflok jiffukaw fuq min minnhom l-aktar se jħares l-ambjent, qed jippruvaw jirbħu l-voti mingħand in-nassaba u l-kaċċaturi. Jidher li fl-2017 sew il-Partit Laburista kif ukoll il-Partit Nazzjonalista – li qed jittamaw li jmexxu lil pajjiżna – aktar jinteressahom il-passatemp tal-qtil u l-insib tal-għasafar milli li jgħidulna kif qed jippjanaw li jħarsu l-ambjent naturali tagħna.

**Il-ħarsien tal-ambjent jifforma l-bażi tal-10 proposti elettorali li BirdLife Malta ppreżentat lill-partiti politiċi kollha din il-ġimgħa u li qed jiġu ppubblikati ma' din l-istqarrija.**

Il-pożizzjoni ta' BirdLife Malta dwar materji ambjentali hija mibnija fuq fatti xjentifiċi u fuq il-liġijiet attwali b'mod partikolari d-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-Ħabitats. Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana saħaq: "Il-kaċċa u l-insib f'Malta wkoll huma regolati mid-Direttiva dwar l-Għasafar li ma taqax taħt ir-responsabbiltà u l-poteri tal-politiċi lokali. Filwaqt li din għandha tiġi osservata, huma biss il-fatti xjentifiċi li għandhom jiġġustifikaw id-derogi, u għal din ir-raġuni mnalla aħna membri tal-Unjoni Ewropea! Aktar milli jitkellmu dwar il-passatemp tal-qtil u l-insib tal-għasafar, il-politiċi għandhom ikunu maturi biżżejjed li jitkellmu dwar x'għandu jsir biex jittejjeb l-istat tal-ambjent naturali ta' pajjiżna fost l-oħrajn fejn għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tal-iskart, l-użu tal-art u l-ODZ, u t-tniġġis; u t-titjib tal-ħabitats u r-riservi naturali kif ukoll l-aċċess għan-natura fl-iskejjel."

Fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar it-tnaqqis tal-multi u l-pieni b'rabta mal-kaċċa u l-insib, BirdLife Malta tinsisti li minn dan igawdu biss dawk li jiksru l-liġi. Huma biss dawk li lesti jiksru l-liġi li jkunu kuntenti b'wegħda bħal din. Ironikament din il-wegħda elettorali qed issir proprju meta din is-sena kellna l-ogħla ammont ta' għasafar protetti li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali f'dawn l-aħħar erba' snin.



BirdLife Malta tixtieq tenfasizza li l-kwistjoni vera mhix kemm ikunu ħorox il-multi. Il-kwistjoni vera li BirdLife Malta ilha titkellem dwarha hi n-nuqqas serju ta' infurzar. Mingħajr il-preżenza ta' għaqdiet ambjentali bħal BirdLife Malta fil-kampanja ftit li xejn naraw każi ta' ksur tal-liġi li jispiċċaw quddiem il-ġustizzja. Fid-dawl ta' dan wasal iż-żmien li Malta jkollha gvern li jkun lest jieħu l-affarijiet bis-serjetà u jwaqqaf Wildlife Crime Unit fi ħdan il-korp tal-pulizija.

BirdLife Malta se tibqa' taħdem id f'id ma' kull gvern li jiġi elett għall-benefiċċju tal-ambjent naturali ta' pajjiżna. Filwaqt li ma niddejqu qatt nikkritikaw fejn ikun meħtieġ, se nkomplu naħdmu b'mod konsistenti kif dejjem għamilna favur il-ġid komuni ta' Malta u Għawdex.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel l-10 proposti elettorali ta' BirdLife Malta:** https://we.tl/acvNzzpBm6

- 'Ħidma għal futur aħjar': 10 proposti elettorali minn BirdLife Malta għall-Elezzjoni Ġenerali 2017 (verżjoni MLT)
- 'Working for a better future': BirdLife Malta's 10 electoral proposals for the 2017 General Election (verżjoni ENG)

